RIŻOLUZZJONI (UE) 2022/1795 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-4 ta' Mejju 2022

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound) għas-sena finanzjarja 2020

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (il-"Fondazzjoni") għas-sena finanzjarja 2020,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0109/2022),

A. billi, skont ir-rapport tad-dħul u l-infiq tagħha ([1]), il-baġit finali tal-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja 2020 kien jammonta għal EUR 21 395 000, li jirrappreżenta tnaqqis ta' 0,44 % meta mqabbel mal-2019; billi l-baġit tal-Fondazzjoni huwa prinċipalment derivat mill-baġit tal-Unjoni;

B. billi l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja 2020 (ir-"rapport tal-Qorti") iddikjarat li kisbet aċċertament raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota b'sodisfazzjon li l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju matul is-sena finanzjarja 2020 irriżultaw f'rata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 99,91 %, li tirrappreżenta tnaqqis żgħir ta' 0,07 % meta mqabbla ma' dik tal-2019; jieħu nota tal-fatt li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 80,44 %, li tirrappreżenta tnaqqis ta' 0,48 % meta mqabbla ma' dik tal-2019;

2. Jilqa' l-fatt li l-Fondazzjoni tinsab fil-proċess li timplimenta azzjonijiet b'reazzjoni għaż-żewġ osservazzjonijiet tal-Qorti tal-2019; jinnota bi tħassib il-bidliet fl-ishma tat-titoli baġitarji prinċipalment minħabba ż-żieda fil-prezzijiet fil-pajjiż ospitanti u jistieden lill-Kummissjoni u lill-awtorità baġitarja jieħdu miżuri adegwati sabiex jippreservaw is-sehem tal-infiq operattiv tal-baġit tal-Fondazzjoni;

Prestazzjoni

3. Jinnota li l-Fondazzjoni tuża erba' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs), inklużi fis-sistema ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni tagħha li, flimkien mal-KPIs jikkonsistu minn "metriċi" (indikaturi oħra għal proċessi operattivi) kif ukoll valutazzjoni u evalwazzjoni kwalitattivi, biex tivvaluta l-valur miżjud ipprovdut mill-attivitajiet tagħha u ttejjeb il-ġestjoni tal-baġit tagħha;

4. Jirrikonoxxi l-fatt li t-twassil tal-eżiti tal-programm ta' ħidma ppjanat għall-2020 laħaq livell ta' 98 %, filwaqt li fl-2020 inkisbu 45 minn 46 riżultat mistenni;

5. Jinnota li fl-2020 il-Fondazzjoni żiedet il-kollaborazzjoni u l-kooperazzjoni tagħha mal-partijiet ikkonċernati ewlenin u ġew organizzati aktar minn 10 webinars ma' sħab bħall-Kummissjoni, il-Parlament, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol u Aġenziji oħra tal-UE; jinnota li l-Fondazzjoni għandha kollaborazzjoni kontinwa mal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA); jinnota li fl-2020, il-Fondazzjoni u s-Cedefop komplew jikkooperaw fl-istħarriġ tal-kumpaniji Ewropej, li twettaq b'mod konġunt bejn l-2018 u l-2019, u li t-tixrid tal-attivitajiet ġie organizzat b'mod konġunt mal-Istitut tal-Ekonomija tax-Xogħol (IZA); jinnota li l-Fondazzjoni hija fornitur ewlieni tad-data għall-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi u jsir skambju

([1]) ĠU C 107, 31.3.2020, p. 8.

regolari ta' informazzjoni mal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol; jinnota, barra minn hekk, li l-Fondazzjoni qed tfittex li tistabbilixxi memorandum ta' qbil mal-ELA u mal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA); jilqa' l-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni tal-għarfien tal-Fondazzjoni bħala eżempju tajjeb għal aġenziji u korpi oħra; jinnota li din il-kollaborazzjoni tippromwovi l-ħolqien ta' sinerġiji u tgħin biex jiġi evitat trikkib;

6. Jistieden lill-Fondazzjoni tkompli tiżviluppa s-sinerġiji tagħha, iżżid il-kooperazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki mal-aġenziji l-oħra tal-Unjoni bil-għan li ttejjeb l-effiċjenza (ir-riżorsi umani, il-ġestjoni tal-bini, is-servizzi tal-IT u s-sigurtà);

7. Jinnota li, matul l-2020, kuntrattur estern tal-evalwazzjoni wettaq evalwazzjoni regolari ta' erba' snin tan-Network tal-Korrispondenti tal-Eurofound, immexxi minn kumitat ta' tmexxija ad hoc b'rappreżentanti mill-erba' gruppi kollha tal-bord tat-tmexxija u li saru diversi rakkomandazzjonijiet, b'mod partikolari dwar l-iżvilupp ta' loġika ta' intervent għan-Network tal-Korrispondenti tal-Eurofound u l-iżvilupp ta' pjan direzzjonali għan-Network tal-Korrispondenti tal-Eurofound;

8. Japprezza l-ħidma ta' kwalità għolja tal-Fondazzjoni fit-titjib u t-tixrid tal-għarfien u fl-għoti ta' għarfien espert ibbażat fuq l-evidenza biex jappoġġa l-iżvilupp tal-politika Ewropea rigward it-titjib tal-kondizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol, is-swieq tax-xogħol u r-relazzjonijiet industrijali fl-Unjoni;

9. Jisħaq fuq l-importanza, l-awtonomija u l-valur miżjud tal-Fondazzjoni fil-qasam ta' kompetenza tagħha;

10. Jemmen li l-Fondazzjoni jista' jkollha rwol kruċjali biex tanalizza aktar iż-żieda fit-telexogħol u l-impatti relatati fuq il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u l-kwalità tal-kondizzjonijiet tax-xogħol, it-tixrid tal-aħjar prattiki u l-valutazzjoni tar-reazzjonijiet ta' politika possibbli; jilqa' l-programm ta' ħidma tal-Fondazzjoni li janalizza l-għażliet ta' politika li jtejbu l-kondizzjonijiet tax-xogħol, ir-relazzjonijiet industrijali, l-impjieg u l-kondizzjonijiet tal-għajxien;

11. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żgurati riżorsi umani u finanzjarji adegwati li jippermettu lill-Fondazzjoni tkompli timplimenta l-programm ta' ħidma tagħha b'rata għolja ħafna ta' tlestija tal-attivitajiet, inkluż fid-dawl tal-isfidi sinifikanti rigward fost l-oħrajn id-dinja tax-xogħol li qed tinbidel u l-pjan ta' azzjoni tal-Unjoni li jmiss dwar il-kura;

12. Jirrikonoxxi b'ċertu ammont ta' sodisfazzjon, l-adattament b'suċċess tal-Fondazzjoni għall-kundizzjonijiet diffiċli maħluqa mill-pandemija tal-COVID-19 u l-għarfien u l-analiżi siewja pprovduti lil dawk li jfasslu l-politika u lill-partijiet ikkonċernati dwar il-bidliet li ġabet magħha l-pandemija tal-COVID-19 fid-dinja tax-xogħol u fil-kwalità tal-ħajja usa' (jiġifieri t-telexogħol, ix-xogħol fuq pjattaforma diġitali, iż-żieda fl-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u d-differenzi interġenerazzjonali, in-nuqqas ta' ħaddiema, il-kura fit-tul, ir-relazzjonijiet industrijali, eċċ.); jinnota wkoll l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-ħidma tal-Fondazzjoni, bil-ħidma fuq il-post ippjanata għas-seba' Stħarriġ Ewropew dwar il-Kondizzjonijiet tax-Xogħol mibdula b'mod sinifikanti, li jfixkel il-potenzjal ta' analiżi tat-tendenzi tal-kondizzjonijiet tax-xogħol fuq aktar minn 20 sena;

13. Jilqa' l-ħidma tal-Fondazzjoni biex tanalizza l-impatt li ħalliet il-pandemija tal-COVID-19 fuq il-ħajja u fuq ix-xogħol fl-Unjoni permezz tal-istħarriġ elettroniku tagħha "Living, working and COVID-19" (L-għajxien, ix-xogħol u l-COVID-19) u tirrapporta dwar "l-impatt tal-COVID-19 fuq iż-żgħażagħ fl-UE";

14. Japprezza l-appoġġ li l-Fondazzjoni tagħti lit-trade unions, l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem, il-gvernijiet nazzjonali u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-kooperazzjoni tagħha ma' aġenziji oħra tal-Unjoni li jaħdmu fil-qasam tal-impjieg, l-affarijiet soċjali u l-inklużjoni fil-qasam ta' kompetenza tad-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni (DĠ EMPL);

15. Jilqa' l-impenn tal-Fondazzjoni għar-riċerka u l-analiżi fil-qasam tat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi u jemmen li fil-programmi ta' ħidma futuri tagħha hija għandha tivvaluta u tanalizza l-għażla ta' politika dwar l-impatt soċjoekonomiku tat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi;

16. Japprezza, filwaqt li jenfasizza l-importanza li l-Fondazzjoni tibqa' indipendenti mill-aġenziji l-oħra tal-Unjoni, il-kooperazzjoni mill-qrib tal-Fondazzjoni mad-DĠ EMPL u l-aġenziji rilevanti kollha tal-Unjoni bħal ma huma s-Cedefop, l-EIGE, l-ETF, l-FRA, l-EU-OSHA u l-EEA, bil-għan li ssaħħaħ is-sinerġiji bejn dawk l-aġenziji; jilqa' l-parteċipazzjoni attiva tal-Fondazzjoni fin-Network tal-Aġenziji tal-UE (EUAN);

Politika dwar il-persunal

17. Jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2020 it-tabella tal-persunal kienet 95 % eżegwita, bil-ħatra ta' 11-il uffiċjal u ta' 76 aġent temporanju maħtura mill-91 awtorizzat mill-baġit tal-Unjoni (meta mqabbel ma' 91 post tax-xogħol awtorizzat fl-2019); jinnota, barra minn hekk, li fl-2019 11-il aġent kuntrattwali u espert nazzjonali sekondat kienu qed jaħdmu għall-Fondazzjoni;

18. Jinnota l-bilanċ bejn il-ġeneri fost il-maniġment superjuri b'erba' rġiel (44,4 %) u ħames nisa (55,56 %), fost il-membri tal-bord tat-tmexxija b'49 raġel (60,5 %) u 32 mara (39,5 %), u fost il-persunal ġenerali b'41 raġel (41,4 %) u 58 mara (58,6 %);

19. Jinnota li l-Fondazzjoni adottat politika dwar il-protezzjoni tad-dinjità tal-persuna u l-prevenzjoni tal-fastidju; jinnota li fl-2020, tliet membri tal-persunal irċevew taħriġ bħala konsulenti kunfidenzjali kif ukoll bħala koordinatur; jieħu nota tal-fatt li fl-2020 membru tal-persunal wieħed għamel allegazzjoni ta' fastidju u l-każ ġie investigat u ngħalaq fl-2021; jinnota li każ wieħed ta' fastidju tressaq quddiem il-Qorti (T-630/19) b'sentenza mogħtija fit-8 ta' Settembru 2021 u l-azzjoni meħuda kontra l-Fondazzjoni ġiet miċħuda fl-intier tagħha, filwaqt li r-rikorrent għandu jħallas l-ispejjeż;

20. Iħeġġeġ lill-Fondazzjoni timmira li tiżviluppa qafas ta' politika fit-tul dwar ir-riżorsi umani li jindirizza l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, il-gwida tul il-ħajja u l-iżvilupp tal-karriera, il-bilanċ bejn il-ġeneri, it-telexogħol, il-bilanċ ġeografiku kif ukoll ir-reklutaġġ u l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità;

Akkwist

21. Jinnota mir-rapport tal-Qorti li f'Ġunju 2019 il-Fondazzjoni kkonkludiet kuntratt qafas għal ammont massimu ta' EUR 170 000 għall-provvista tal-elettriku abbażi ta' proċedura ta' akkwist negozjata ma' kandidat wieħed, mingħajr il-pubblikazzjoni minn qabel ta' eżenzjoni mill-avviż tal-kuntratt; jinnota l-osservazzjoni tal-Qorti li l-kuntrattur huwa fornitur tal-bejgħ bl-imnut, bil-provvista tal-elettriku mhux ikkwotat u mixtri f'suq tal-komoditajiet, u li għalhekk l-eċċezzjoni ta' proċedura ta' akkwist negozjata kif segwita mill-Fondazzjoni mhijiex applikabbli; jinnota l-konklużjoni tal-Qorti li l-kuntratti relatati u l-pagamenti assoċjati ta' EUR 20 255 huma irregolari; jinnota mit-tweġiba tal-Fondazzjoni li hija taċċetta l-osservazzjoni u li tnediet offerta ġdida fil-bidu tal-2021;

22. Jinnota mir-rapport tal-Qorti li f'Ottubru 2019 il-Fondazzjoni varat proċedura nnegozjata ta' akkwist, b'baġit stmat ta' EUR 140 000, għal kuntratt qafas għar-rinnovazzjoni tal-faċilitajiet sanitarji tagħha u l-uniku offerent intgħażel b'valur tal-kuntratt ta' EUR 176 800 (23 % aktar mil-limitu stabbilit għal proċedura miftuħa) ([2]) u filwaqt li l-eċċezzjoni tal-proċedura nnegozjata ta' akkwist kienet awtorizzata b'mod xieraq mill-Fondazzjoni, jibqa' l-fatt li kellha tintuża proċedura miftuħa; jinnota li l-Fondazzjoni aċċettat il-pożizzjoni tal-Qorti iżda kkonkludiet li ripetizzjoni tas-sejħa għall-offerti, permezz tal-proċedura miftuħa minflok il-proċedura nnegozjata ma kinitx twassal għal eżitu aktar ekonomikament vantaġġuż;

23. Jinnota li l-Fondazzjoni introduċiet l-akkwist elettroniku u li l-modulu tas-sottomissjoni elettronika ilu jopera minn nofs l-2019; jinnota li fl-2020 il-Fondazzjoni żviluppat sett ta' linji gwida biex tiddeskrivi kriterji ambjentali ċari u verifikabbli għall-prodotti u s-servizzi fil-proċess tal-akkwist pubbliku u li ssieħbet fil-kuntratt qafas interistituzzjonali għall-Helpdesk dwar l-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku tal-Kummissjoni Ewropea;

([2]) L-Artikolu 175(1) tar-Regolament Finanzjarju – ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 u l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65) li jistabbilixxi l-limitu ta' EUR 144 000 għall-kuntratti pubbliċi ta' provvisti u ta' servizzi.

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u trasparenza

24. Jinnota l-miżuri eżistenti tal-Fondazzjoni u l-isforzi kontinwi biex tiżgura t-trasparenza, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, u l-protezzjoni tal-informaturi; jinnota li mhux is-CVs u d-dikjarazzjonijiet ta' interess tal-membri kollha tal-bord tat-tmexxija huma ppubblikati fuq is-sit web tal-Fondazzjoni;

25. Jinnota li l-Fondazzjoni aġġornat ir-regoli tagħha għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, li ġew adottati mill-bord tat-tmexxija fl-2020 u li d-dikjarazzjonijiet tal-membri tal-bord tat-tmexxija jiġu vvalutati u rieżaminati mill-Bord ta' rieżami tal-kunflitti ta' interess f'isem il-bord abbażi ta' lista ċara ta' kriterji u prinċipji; jinnota li l-ebda dikjarazzjoni ta' kunflitt ta' interess esterna jew minn membru tal-Bord ma tat lok biex titnieda valutazzjoni dettaljata tal-interessi ddikjarati matul l-2020;

Kontroll intern

26. Jinnota li fl-2020, is-servizz tal-awditjar intern (IAS) tal-Kummissjoni wettaq awditu fuq il-ġestjoni tar-riżorsi umani u l-etika, wara l-valutazzjoni tar-riskju fil-fond li twettqet fl-2019 bħala parti mit-tħejjija tal-pjan ta' awditjar strateġiku tal-IAS għall-2020-2022; jinnota li l-Fondazzjoni trid tfassal pjan ta' azzjoni b'rispons għar-rakkomandazzjonijiet tal-IAS;

27. Jinnota li fl-2020 il-Fondazzjoni aġixxiet fuq ir-rakkomandazzjonijiet kollha pprovduti fl-awditu tal-prestazzjoni dwar "il-prijoritizzazzjoni tal-attivitajiet tal-Fondazzjoni u l-allokazzjoni tar-riżorsi" li twettaq fl-2018 mill-IAS;

28. Jinnota li fl-2020 il-Fondazzjoni wettqet valutazzjoni tar-riskju ta' frodi, filwaqt li l-konklużjonijiet ewlenin tagħha ġew inkorporati fl-istrateġija l-ġdida tal-Fondazzjoni kontra l-frodi, adottata f'Novembru 2020; jinnota li l-istrateġija l-ġdida kontra l-frodi tiffoka fuq il-bini ta' kultura kontra l-frodi permezz ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u konnessjoni bejn il-kontrolli interni u l-prevenzjoni tal-frodi;

29. Jinnota li l-Fondazzjoni wettqet valutazzjoni tas-sistema ta' kontroll intern tagħha, u kkonkludiet li l-implimentazzjoni tal-ħames komponenti u l-prinċipji tal-kontroll intern assoċjati tagħhom hija inkorporata biżżejjed fil-kultura, fil-proċessi u fl-attivitajiet ta' kontroll tal-Fondazzjoni; jinnota li madankollu, ġew imsaħħa diversi elementi tas-sistema ta' kontroll intern, b'mod partikolari li l-monitoraġġ kontinwu ssaħħaħ bi stħarriġ ġdid dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-impjegati u bi stħarriġ dwar is-sensibilizzazzjoni fil-qasam tal-frodi, li jippermetti li jiġu identifikati nuqqasijiet potenzjali fi stadju bikri; jilqa' l-isforzi tal-Fondazzjoni f'dan ir-rigward;

30. Jinnota li l-Qorti rrappurtat dgħufijiet fil-kontroll intern fir-rigward ta' "funzjonijiet sensittivi" u kontrolli ta' mitigazzjoni relatati, filwaqt li sabet l-inventarju ta' karigi sensittivi skadut u li m'għadux jirrifletti l-organizzazzjoni interna attwali tal-Fondazzjoni; madanakollu, jinsab sodisfatt li politika ġdida dwar karigi sensittivi ġiet iffinalizzata fit-23 ta' Ġunju 2021 wara l-awditu tal-Qorti li kienet riflessa fir-rapport finali tal-Qorti;

Rispons għall-COVID-19 u kontinwità tal-operat

31. Jinnota li fl-2020 l-operazzjonijiet tal-Fondazzjoni inizjalment kienu affettwati sew mill-pandemija tal-COVID-19; jinnota li l-Fondazzjoni adattat malajr għat-telexogħol u żviluppat u nediet l-ewwel stħarriġ online tagħha li qatt twettaq, bażi ta' data ġdida u varjetà ta' eżiti emendati ta' riċerka u komunikazzjoni; jinnota li l-Fondazzjoni żviluppat l-"Istħarriġ elettroniku - l-għajxien, ix-xogħol u l-COVID-19" biex tkopri l-implikazzjonijiet tal-pandemija għan-nies madwar l-Ewropa u permezz ta' dan kienet waħda mill-ewwel istituzzjonijiet, aġenziji u korpi Ewropej li pprovdiet data ġdida dwar il-pandemija; jinnota li l-Fondazzjoni stabbiliet ukoll il-bażi ta' data PolicyWatch tal-UE għall-COVID-19; jinnota li l-avvenimenti li suppost kellhom jiġu organizzati bi preżenza fiżika matul l-2020 inbidlu f'webinars u li l-qlib minn reġistrazzjonijiet għal attendenza effettiva kienet bejn 30 % u 50 % - il-Fondazzjoni tirrapporta li dan kien ogħla mill-medja tal-industrija;

Kummenti oħra

32. Jinnota li fl-2020 il-Fondazzjoni rat żieda fit-theddid ċibernetiku u żiedet il-frekwenza ta' aġġornamenti proattivi tas-sigurtà tas-sistema u valutazzjoni tar-riskju; jinnota l-kollaborazzjoni mas-CERT-EU u mad-Direttorat Ġenerali għall-Informatika tal-Kummissjoni biex tiżdied il-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar l-intelligence tat-theddid ċibernetiku; jinnota li l-Fondazzjoni espandiet il-protezzjoni tagħha tad-data, permezz ta' servizzi ta' backup ta' cloud mhux fuq il-post u li qed tiġi abbozzata politika komprensiva dwar is-sigurtà ċibernetika; jistieden lill-Fondazzjoni żżomm lill-awtorità ta' kwittanza infurmata dwar il-politika taċ-ċibersigurtà u l-implikazzjonijiet għall-Fondazzjoni;

33. Jinnota li f'Settembru 2020, il-Fondazzjoni ffirmat inizjattiva tal-Parlament li tipprovdi Helpdesk dwar l-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku għal assistenza fl-akkwist sostenibbli;

34. Ifakkar fl-importanza li tiżdied id-diġitalizzazzjoni tal-Fondazzjoni f'termini ta' operazzjoni u ġestjoni interni iżda wkoll sabiex titħaffef id-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Fondazzjoni tibqa' tkun proattiva f'dan ir-rigward sabiex jiġi evitat distakk diġitali bejn l-aġenziji akkost ta' kollox; jiġbed l-attenzjoni, madankollu, għall-ħtieġa li jittieħdu l-miżuri ta' sigurtà kollha meħtieġa biex jiġi evitat kwalunkwe riskju għas-sigurtà online tal-informazzjoni pproċessata;

35. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Mejju 2022 ([3]) dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

([3]) Testi adottati, P9_TA(2022)0196.